MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru 712/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**M’DOLORES DEGABRIELE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha M’Dolores Degabriele bint Eduardo Agius u Maria nee’ Stivala mwielda Sliema. 07/04/1926 u Res: ‘61’, ‘Stella Maris Crt’, Triq il-Kbira, Sliema I.D. 269326(M)

Billi giet akkuzata talli fil-24/01/2009 ghall-habta ta 19.50hrs gewwa Triq is-Swieqi, Swieqi, saqet vettura b’nru DDG726 u 1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta hila fl- arti jew professjoni jew b’nuqqas tat-

thasis tar- regolamenti tat traffiku, tajret lill-Carmelina Debono u involontarjament ikkagunatilha feriti ta’ natura gravi hekk kif iccertifika Dr. Attard Biancardi Md (3124) moll- MDH.

Il-prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-Licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM1 u nnutat li l-imputata M’Dolores Degabriele m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Dr Brian Flores Martin M.D. li fis-Seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2010, qal:

“Qieghed nigi muri c-certifikat li jinab a fol. 14 tal-Process. Nikkonferma li dan huwa certifikat mediku, minni rilaxxat, huwa minni miktub u qieghed naghraf il-firma tieghi fuq l-istess certifikat mediku. Jiena wkoll nikkonferma l-kontenut ta’ tali certifikat mediku. Nghid illi jiena fis-26 ta’ Jannar, 2010 kont ezaminajt lil Carmelina Debono fil-klinika tieghi. Nghid illi dina kienet infurmatni li xi sena qabel kienet involuta f’incident tat-traffiku, dina kellha ksur u dina kien hemm ksur fuq il-parti ta’ quddiem ta’ l-spalla fuq ix-xellug. Nghid jien meta ezaminajtha hija l-pazjenta kienet qaltli li ghadha qieghda sofri minn ugiegh fi spallitha. Meta jien ezaminajtha, kkonstatajt li dina kienet qieghda tbati minn limitazzjoni ta’ l-uzu ta’ l-id ix-xellugija u hija kienet tista’ ccaqlaq idejha x-xellugija sa livell ta’ sixty (60) degrees biss. Dana fid-direzzjonijiet kollha.”

In kontro ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal:

“Nghid jiena kont ili tabib kuranti ta’ l-imsemmi pazjenta xi hmistax –il sena qabel ma rrilaxxajt dan ic-certifikat mediku. Nikkonferma li din hija mara anzjana u nghid illi

bejn wiehed u iehor din ghandha madwar tmenin (80) sena.”

Il-Qorti issa taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Mr Alex Sultana M.D. li fis-Seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2010, qal:

“Naghmel referenza ghal dokument li jinsab minn fol. 18 sa fol. 20 tal-Process u nikkonferma li din hija relazzjoni tieghi li jiena presentajt f’din il-kawza meta kont gejt innominat mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera b’Digriet datat 17 ta’ Jannar, 2010. Jiena nikkonferma il-kontenut ta’ tali relazzjoni tieghi. Nixtieq nghid illi effettivament il-ksur sofferta mill-pazjenta li jien ezaminajt u li dwarha ghamilt dan ir-rapport, dan il-ksur kien qieghed ezatt taht l-ispalla, f’dirghajn il-pazjenta, ta’ dirghajn tax-xellug.”

In kontro ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal:

“In kwantu fejn jiena fir-relazzjoni tieghi ghedt illi qabel l-incident ma kienx hemm history ta’ ugiegh u limitazzjonijiet fl-ispalla, ovvjament jiena nizzilt din il-konstatazzjoni mill-informazzjoni li taghtni l-pazjenta. Jiena qieghed nirreferi ghall-ispalla tax-xellug. Nixtieq nghid ovvjament dwar in kwantu ghall-limitazzjonijiet u l-ugiegh fl-ispalla tax-xellug tal-pazjenta li jien ezaminajt, il-fatturi kienu wahda skond dak li qaltli l-pazjenta in kwantu ghall-ugiegh u l-fattur l-iehor li jien ikkonstatajt li n-naha tal-lemin fejn allura qed nirrigwardjaw l-ispalla tal-lemin, dina kienet ghadha qieghda tiffunzjona tajjeb u r-raguni l-ohra li jiena mill-ezami li ghamilt fuq l-istess pazjenta kien qieghed jirrizulta li dina meta kienet taghmel certi movimenti b’idejha tax-xellug, din kellha limitazzjonijiet ta’ moviment kif ukoll ugiegh. Jiena l-pazjenta lili kienet qaltli li hi kienet intlaqtet minn karozza.”

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta’ PS 1207 Robert Said Sarreo li fis-Seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2010, qal:

“Nghid illi nhar l-erbgha 24 ta’ Jannar, 2009 u dana ghall-habta tat-7.50pm jiena rcevejt telefonata gewwa l-ghassa ta’ San Giljan li kien hemm persuna li kienet ghadha kif giet imtajjra gewwa Triq is-Swieqi, Swieqi. Jiena mort fuq il-post, minn hemmhekk sibt fuq il-post vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DDG-726. Dina l-vettura kienet qieghda wieqfa f’nofs tat-triq. Il-vittma Carmelina Debono kienet sejra tittiehed l-isptar b’ambulanza u kien hemm ukoll ix-xufier tal-vettura DDG-726 Maria Dolores Degabriele li qieghed naghrafha bhala l-imputata presenti fl-Awla. Jiena kellimt lill-imputata u dina qaltli li waqt li hija kienet qieghda ssuq il-vettura taghha u dana fid-direzzjoni ta’ lejn Wied San Gwann, f’daqqa wahda qasmet persuna minn bejn il-karozzi u dina b’certu ghaggla. L-imputata qalet li hi pruvat tevita lil din il-persuna pero’ sfortunatament xorta laqtitha bil-vettura taghha. Jiena mbaghad kellimt lill-vittma Carmelina Debono gewwa l-isptar fejn hi qaltli li hi ma kinitx indunat li kien hemm karozza gejja meta qasmet u spiccajt ittajret. Nghid li Carmelina Debono qaltli li hi ma kinitx qasmet minn fuq zebra crossing imma kienet qasmet bejn zewg karozzi. It-triq fiha bankina fuq iz-zewg nahat u karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat. Nghid illi dakinhar li jiena kont mort fuq il-post kien diga dalam. Nghid li din hija triq dritta, b’two (2) lanes, vetturi jigu minn zewg nahat u fejn ittajret Carmelina Debono, ftit passi ’il quddiem hemm zewg side streets hergin ghal gewwa din it-triq. Fejn dina Carmelina Debono ittajret kien dritt. Nghid illi in kwantu ghal dan il-lejl li sehh dan l-incident, it-temp kien tajjeb u ma kinitx xita. Ftit iktar ’il quddiem f’din it-triq hemm zebra crossing. Nikkonferma li lili Carmelina Debono kienet qaltli li ma qasmitx miz-zebra crossing. Nikkonferma li jiena meta mort fuq il-vettura tal-imputata kienet ghadha fuq il-post. Nghid illi jiena wkoll accertajt li nara li l-vettura kienet ghadha fl-istess post fejn sar l-impatt. Fil-fatt hekk kien li jirrizultali li dina l-vettura ma kinitx iccaqalqet. Hija procedura illi sketch isir meta jkun hemm vetturi li jahbtu u mhux meta persuna tittajjar. Nghid illi wkoll li l-inkjesta magisterjali ma saritx minhabba li l-vittma ma kinitx fl-stat ta’ periklu tal-mewt. Nixtieq nghid illi jiena ccekkjajt il-post fejn sar l-incident u nghid li break marks ma sibtx. Nikkonferma li l-art kienet niexfa.” (Sottolinjar tal-Qorti).

L-istess xhud, fl-istess Seduta, qal ukoll:

“Nghid illi skond x’qaltli Maria Dolores Degabriele l-imputata, hi ppruvat tevita milli ttajjar lil Carmelina Debono u fil-fatt dana kkonstatajtu jiena. Il-vettura tal-imputata kienet qieghda wieqfa tista’ tghid fuq il-linja tan-nofs tat-triq. Fejn ma’ l-impatt imbaghad spiccat il-vittma ma nafx. Nixtieq nispjega hawnhekk illi l-pozizzjoni tal-vettura kif sibtha jiena rigwardanti l-vettura ta’ l-imputata, dina ma kinitx illi hija qabzet fuq il-lane opposta pero’ kienet qieghda mal-linja tan-nofs tat-triq u kif spjegatli l-imputata, l-karozza taghha spiccat hemm ghax hi kienet ghamlet manuvra biex tipprova tevita li ttajjar lil Carmelina Debono.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Carmelina Debono li fis-Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2011, qalet:

“Nghid illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) u kienu ghall-habta tas-sebgha u nofs (7.30) ta’ fil-ghaxija jien kont qieghda s-Swieqi u kont sejra naqsam it-triq. Meta jiena wasalt f’nofs it-triq sibt ruhi mtajjra. Nghid dana kif diga ghidt kien f’Jannar, kien dalam u ma kienx hemm niezla xita. Nghid jiena fejn gejt imtajra hija triq dritta. Jiena sfajt imtajra meta jiena wasalt f’nofs it-triq. Jiena spiccajt illi kelli qsim f’rasi u kelli wkoll ksur fi spallti. Nghid jiena fil-post fejn jiena kont sejra naqsam, fil-fatt fil-post fejn jiena kont qieghda naqsam it-triq ma kienx hemm zebra crossing. Din it-triq il-karozza jghaddu minn zewg (2) nahat. Nghid jiena l-karozza ma rajtiex gejja fuqi ghax kieku ma qsamtx. Nixtieq nghid pero’ li jiena rajtha gejja ghal fuqi u nghid illi x-xufier ta’ din il-karozza pruvat tiskansani billi ddawwar.

Nixtieq nghid illi jiena ma nuzax nuccali biex nara. Nghid jiena nara normali. Mistoqsija jekk jiena qabel qsamt haristx lejn il-lemin u x-xellug nghid illi ma niftakarx. Nixtieq nghid illi jiena biex naqsam inzilt il-bankina. Ma jidhirlix li kien hemm karozzi pparkjati fuq in-naha tat-triq li jiena kont bdejt nipprocedi biex naqsam. Nixtieq nghid illi

t-triq li qsamt fiha jiena hija imdawwla. Jiena nghid illi wara li gejt imtajjra intlift minn sensija. Qed nigi mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk bhala stat ta' fatt kif jien diga xehedt rajt il-karozza gejja u pruvat tiskapulani x-xufier billi pruvat iddawwar, nghid illi jiena fil-fatt nahseb li ma kontx rajtha. Nixtieq nghid illi l-persuna li tajritni hija l-imputata li qed ngharafha prezenti fl-Awla u li niftakar huwa li kienet hi wara li lili kienet qaltli li hi ppruvat tiskapulani." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qalet:

"Nghid li jiena ghandi tmenin (80) sena. Nixtieq nghid illi f'Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) jiena kont diga noqghod is-Swieqi. Nghid illi jiena dak inhar kont mort nixtri minn ghand il-grocer u kont qieghda nerga nirritorna lura d-dar. Il-grocer qieghed kantuniera 'l boghod mid-dar tieghi. Qed nigi mistoqsija mid-difiza jekk kemm 'il darba dak inhar jiena kontx hrigtx nigri bil-papocc tad-dar nghid li jista' jkun. Nghid li fil-fatt jiena gieli mmur nixtri minn ghand tal-grocer bil-papocc tad-dar ghax dan qieghed vicin id-dar tieghi. Nghid illi f'dawn l-ahhar ghaxar (10) snin jien nahseb li ghamilt vista biex nara ghandix htiega ta' nuccali pero' qatt ma gie preskritt lili nuccali. Mistoqsija jekk niftakarx ghand min tabib mort biex naghmel din il-vista, nghid ma niftakarx." (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qalet:

"Qieghda nesebixxi rapport mediku ta' Mr. Alex Sultana liema dokument qieghed jigi esebit bhala Dok. CDA 1 u nghid dana jikkoncerna lili. Nikkonferma li l-karta ta' l-identita' tieghi n-numru huwa 284030 (M). Nghid jiena fost il-griehi lil soffrejt kagun ta' dan l-incident kelli ksur fi spallti u ghadni sallum meta nipprova ngholli jdejja tax-xellug u nmiss ukoll spallti tax-xellug ikolli l-ugiegh."

L-imputata Maria Dolores Degabriele fis-Seduta tal-14 ta' Jannar, 2011, minn jeddha qalet:

"Nghid illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009), nghid ghall-habta ta' xi s-sebgha u

nofs (7.30) ta' fil-ghaxija sat-tmienja nieqes ghaxra (7.50) ta' fil-ghaxija jiena kont ghaddejja bil-vettura tieghi Pegeout 106 numru ta' registrazzjoni DBG 726. Nghid jiena kont ghaddejja minn Swieqi Road sejra lejn Triq l-Ghamad gewwa s-Swieqi. F'daqqa wahda rajt mara li bdiet tigri lejn nofs it-triq u nghid illi dina biex qasmet ghaddiet minn bejn zewg (2) karozzi u fil-fatt fuq naha kien hemm van u fuq in-naha 'l ohra kien hemm karozza. Din il-fatt harget ghal got-triq minn bejn dan il-van u l-karozza. Dina harget ghal nofs it-triq. Jiena pruvajt nevitha pero' ilqattha. Nghid illi jiena qabli kienu ghaddejjin karozzi ohra u jiena ghaldaqstant ma kontx ghaddejja b'xi speed qawwi. Nghid iz-zona fejn sehh l-incident mhux imdawwal sew. Nghid illi jiena meta ndunajt l-ewwel darba bil-persuna li spiccat imtajjra, nghid kienu qisu tul ta' kwart ta' dina l-Awla. Nghid jiena l-ewwel darba li ndunajt bil-persuna li spiccat intlaqtet bil-karozza kien meta hi kienet qieghda hierga bejn iz-zewg (2) vetturi li semmejt. Dina kienet hierga u qieghda taqsam bl-ghaggla. Nghid jiena ma l-impatt hrigt mill-karozza tieghi u mort noffri l-assistenza. Nghid li din il-persuna li kienet tas-sess femminili li kienet bniedma anzjana kienet mixhuta fl-art hdejn ir-rota u nghid illi ma kienetx mitlufa minn sensiha. Nghid illi mbaghad bl-assistenza tan-nies illi gew fil-lok ta' l-incident poggejniha biex toqghod bil-qieghda fuq il-bankina u nnutajt li dina kienet libsa bedroom slippers u nnutajt illi fl-art kien hemm pakkett tas-sigaretti. Nixtieq nghid illi jiena pruvajt inkellimha lil din il-mara li smajtha tghid il-kliem: irrid immur id-dar, irrid immur id-dar. U bdejna nghidulha illi ahna ha ncemplu lill-ambulanza u hi bdiet tghidilna li ma riedetx tmur l-isptar imma riedet tmur id-dar. Nghid illi sakemm giet l-ambulanza u l-pulizija jiena bqajt fuq il-post ta' l-incident hdejn din il-persuna. Jiena nuccali nuzah ghal vicin. Nghid fid-data ta' l-incident jiena ma kontx liebsa nuccali u ma kellix bzonn. Nghid jiena kalmanti ma niehux. Nghid dana huwa l-uniku incident stradali li jiena kelli fejn korriet persuna."  (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro ezami l-istess imputata fl-istess Seduta, qalet:

“Nghid il-karozza tieghi bhala kulur hija blu pjuttost skur. Nghid illi l-vittma ta’ l-incident in kwantu x’kienet liebsa ma tajtx kaz. Nghid illi jiena meta kont qieghda insuq id-dawl kien mixghul fuq in-normali.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet “George Micallef pro et noe vs Gordon Camenzuli” (Deciza fil-21 ta’ Gunju, 1995) fejn dik il-Qorti sahqet illi meta *pedestrian* ikun qed jaqsam it-triq fejn ikun hemm, ghandu dejjem juza *s-subway* jew *zebra crossing* u ghandu jaqsam biss meta jkollu vizwali cara taz-zewg nahat tat-triq. Qalet ukoll illi qabel jaqsam il-*pedestrian* ghandu jieqaf fuq il-bankina, jhares lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug, u jerga’ lejn il-lemin u jaqsam biss meta t-triq ma jkunx hemm karozzi (Ara ukoll Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni, Appell deciz fil-11 ta’ Marzu, 1998).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ Ps 1207 Robert Said Sarreo li fis-Seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2010, inter alia, qal:

“Jiena kellimt lill-imputata u dina qaltli li waqt li hija kienet qieghda ssuq il-vettura taghha u dana fid-direzzjoni ta’ lejn Wied San Gwann, f’daqqa wahda qasmet persuna minn bejn il-karozzi u dina b’certu ghaggla.” “................” “Jiena mbaghad kellimt lill-vittma Carmelina Debono gewwa l-isptar fejn hi qaltli li hi ma kinitx indunat li kien hemm karozza gejja meta qasmet u spiccajt ittajret. Nghid li Carmelina Debono qaltli li hi ma kinitx qasmet minn zebra crossing imma kienet qasmet bejn zewg karozzi.” “.......................” “Ftit iktar ’il quddiem f’din it-triq hemm zebra crossing. Nikkonferma li lili Carmelina Debono kienet qaltli li ma qasmitx miz-zebra crossing.”

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta’ Carmelina Debono li fis-Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2011, inter alia, qalet:

“Nghid jiena fil-post fejn jiena kont sejra naqsam, fil-fatt fil-post fejn jiena kont qieghda naqsam it-triq ma kienx hemm zebra crossing.” “..............” “Nghid jiena l-karozza

ma rajtiex gejja fuqi ghax kieku ma qsamtx. Nixtieq nghid pero' li jiena rajtha gejja ghal fuqi u nghid illi x-xufier ta' din il-karozza pruvat tiskansani billi ddawwar."

"..............................." "Mistoqsija jekk jiena qabel qsamt haristx lejn il-lemin u x-xellug nghid illi ma niftakarx. Nixtieq nghid illi jiena biex naqsam inzilt il-bankina. Ma jidhirlix li kien hemm karozzi pparkjati fuq in-naha tat-triq li jiena kont bdejt nipprocedi biex naqsam." "..................................." "Qed nigi mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk bhala stat ta' fatt kif jien diga' xehedt rajt il-karozza gejja u pruvat tiskapulani x-xufier billi pruvat iddawwar, nghid illi jiena fil-fatt nahseb li ma kontx rajtha."

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tal-imputata Maria Dolores Degabriele li fis-Seduta tal-14 ta' Jannar, 2011, inter alia, qalet:

"F' daqqa wahda rajt mara li bdiet tigri lejn nofs it-triq u nghid illi dina biex qasmet ghaddiet minn bejn zewg (2) karozzi u fil-fatt fuq naha kien hemm van u fuq in-naha 'l ohra kien hemm karozza. Din il-fatt harget ghal got-triq minn bejn dan il-van u l-karozza. Dina harget ghal nofs it-triq."

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi processwali ma tirrizultax htija da parti tal-imputata Maria Dolores Degabriele ghall-incident stradali mertu tal-kawza odierna u ghaldaqstant ma tissusistix l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata. Il-Qorti jidrilha li ghal incident stradali mertu ta' din il-kawza tahti unikament il-vittma Carmelina Debono li ikkreat *sudden emergency* billi qabdet u harget ghal gewwa it-triq biex taqsam it-triq minn bejn zewg (2) vetturi. B'hekk il-vittma Carmelina Debono poggiet ruhha f'sitwazzjoni perikoluza u skabruza. Dana meta fit-triq in kwistjoni il-vittma kellha l-opportunita' li tuza zebra crossing.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma ssibx lill-imputata Maria Dolores Degabriele hatja tal-akkuza migjubha kontra taghha u dan stante li tali akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u minnha tilliberha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------